**195. Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin, l-Onor. Joe Borg ippropona din il-Mozzjoni:-**

Wara li fl-24 ta' Settembru 1996, Malta ffirmat it-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari, fi New York, l-Amerika;

Wara li rat li jekk Malta tirratifika dan it-Trattat, tkun qed tissieħeb ma' sitta u disgħin pajjiż ieħor li s'issa rratifikaw dan it-Trattat meqjus fundamentali kontra l-provi u t-tixrid ta' armi nukleari;

Bis-saħħa ta' l-artikolu 3(1)(c) u (2)(b) ta' l-Att dwar ir-Ratifika tat-Trattati, (Kap 304) u l-artikolu 3(2) ta' l-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, (Kap 365);

Tirriżolvi li tawtorizza r-ratifika tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari u għas-sħubija ta' Malta fl-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari, meta t-Trattat jidħol fis-seħħ.

02.03.2001